*"U tfittxuni, u ssibuni, meta tfittxuni b'qalbkom kollha."*

# KIF TKUN TAF 'L ALLA

# KIF TKUN TAF 'L ALLA

Bħalma Abraham kien "ħabib Alla" billi ssottometta ruħu għalih u obdih, int ukoll tista' tkun taf 'l Alla u tagħraf il-ħniena, il-paċi u l-barka tiegħu. L-esperjenza l-iżjed importanti tal-ħajja hi li ssir taf lil Alla billi *verament tissottometti* ruħek għalih: afda fih kompletament. Kemm hi ħaġa ta' l-għaġeb li Alla juri lilu nnifsu lil dawk kollha li jfittxuh b'qalbhom kollha!

Jekk *titlaq* it-triqat ħżiena tiegħek u *verament tissottometti* ruħek għal Alla, Hu jibgħat l-Ispirtu tiegħu jgħammar fik. Xejn ma jkun jista' jifirdek mill-imħabba tiegħu int u *tafda* l-wegħdiet *tiegħu* u timxi wara l-Mulej Ġesù Kristu f'ubbidjenza sinċiera. Hu jkun Alla tiegħek, u int tkun it-teżor partikolari tiegħu. Tiskopri li hu xtrak għalih innifsu bi prezz għoli, u jridek tgawdi ħbiberija miegħu – *issa* u *fl-eternita'*.

Itlob 'l Alla biex int u tistudja dawn is-siltiet mill-Kelma tiegħu, tkun tista' tifhimhom sewwa.

---

Ir-referenzi kollha f'dan il-ktejjeb huma meħuda mill-Bibbja Mqaddsa: il-Liġi (Torah), is-Salmi (Żabur), il-kitbiet tal-profeti, u l-Evanġelju (Injil).

. . . Il-Mulej, Alla tagħna, hu Mulej wieħed! U int tħobb il-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, u b'ruħek kollha, u bil-qawwa tiegħek kollha. —Dewteronomju 6:4, 5

Għax hekk igħid il-Mulej li ħalaq is-smewwiet; hu Alla, li sawwar l-art u għamilha; wettaqha, mhux biex tibqa' deżert, iżda sawwarha biex tkun imgħammra: jien il-Mulej, u m'hemmx ieħor għajri. —Isaija 45:18

Biex il-popli kollha ta' l-art jagħrfu li l-Mulej hu Alla, u m'hemmx ieħor. —1 Slaten 8:60

Jien il-Mulej: dak hu ismi; u l-glorja tiegħi ma nagħtihiex lil wieħed ieħor, lanqas tifħiri lill-immaġnijiet skolpiti. —Isaija 42:8

Intom ix-xhieda tiegħi, jgħid il-Mulej, . . . biex tagħrfu u temmnuni, u tifhmu li jien hu: qabli l-ebda Alla ma ssawwar, u lanqas ħadd ma jkun hemm warajja. Jien, iva jien, jien il-Mulej; u għajri m' hemmx salvatur. —Isaija 43:10-11

Duru lejja, u tkunu salvati, truf kollha ta' l-art: għax jien Alla, u m'hemmx ieħor għajri.
—Isaija 45:22

Jien il-Mulej, u m'hemmx ieħor, m'hemmx Alla ieħor għajri: jien ħażżimtek, għalkemm ma kontx tafni. —Isaija 45:5

Il-Mulej ħanin u twajjeb, u bil-mod biex jagħdab, u ta' tjieba kbira. Għax daqskemm is-smewwiet huma 'l fuq mill-art, daqshekk hi kbira t-tjieba tiegħu għal dawk li jibżgħu minnu.

—Salmi 103:8, 11

Iżda t-tjieba tal-Mulej hi għal dejjem ta' dejjem ma' dawk li jibżgħu minnu... Ma' ...dawk li jiftakru fil-preċetti tiegħu biex iħarsuhom.

—Salmi 103:17, 18

Min hu Alla bħalek, li jneħħi l-ħażen u jaħfer id-dnub?...Hu jitgħaxxaq bil-ħniena. —Mikea 7:18

Hu bi grazzja tal-Mulej li aħna ma ntemmejniex għalkollox, għax il-ħniniet tiegħu ma jonqsu qatt: jiġġeddu kull filgħodu. Kbira l-fedeltà tiegħek!

—Il-Biki ta' Ġeremija 3:22, 23

Iżda, jekk iġib il-għali, iħenn skond il-kotra tat-tjieba tiegħu.

—Il-Biki ta' Ġeremija 3:32

Ma' min hu tajjeb timxi tajjeb.... —Salmi 18:25

Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb, għax għal dejjem il-ħniena tiegħu. —1 Kronaki 16:34

...Għax kont naf li int Alla twajjeb u ħanin, iddum ma tagħdab, u kbir fit-tjieba, u tindem mill-ħsara. —Ġona 4:2

Il-Mulej deherli bħal dari, jgħidli: Iva, jien inħobbok b'imħabba ta' dejjem: għalhekk jien komplejt inżomm għalik il-fedeltà tiegħi.
—Ġeremija 31:3

Għax jien naf il-ħsibijiet li naħseb fuqkom, jgħid il-Mulej; ħsibijiet ta' sliem, u mhux ta' ħsara, biex nagħtikom futur u tama.
—Ġeremija 29:11

Bħalma missier tiġih ħniena minn uliedu, hekk il-Mulej tiġih ħniena minn dawk li jibżgħu minnu. —Salmi 103:13

Ara, kien għall-ġid tiegħi stess li kelli ħafna mrar: iżda int (O Alla), b'imħabba għal ruħi, ħlistha mill-ħofra tat-taħsir, għax tfajt ħtijieti kollha wara spallejk.
—Isaija 38:17

U aħna għarafna u emminna fl-imħabba li għandu Alla għalina. Aħna nħobbuh, għax Hu ħabbna l-ewwel. —1 Ġwanni 4:16, 19

Il-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed f'nofsok, gwerrier vittorjuż. Hu jimtela b'ferħ kbir għalik, u jġeddek f'imħabbtu; hu jifraħ bik b'għajat ta' ferħ. —Sofonija 3:17

Kemm hi għażiża t-tjieba tiegħek, o Alla! Għalhekk ulied il-bnedmin iqiegħdu t-tama tagħhom taħt id-dell ta' ġwinħajk. —Salmi 36:7

# L-IMPORTANTI FIL-ĦAJJA HU LI TAGĦRAF 'L ALLA

...Imma l-poplu ta' dawk li jagħrfu lil Alla tagħhom iżomm sħiħ, u jagħmel. —Danjel 11:32

Iżda ħalli dak li jiftaħar, jiftaħar b'dan: li għandu d-dehen biex jagħrafni, li jien il-Mulej li nagħmel it-tjieba, il-ħaqq u s-sewwa fl-art: għax b'dawn il-ħwejjeġ nitgħaxxaq, igħid il-Mulej. —Ġeremija 9:24

Henjin dawk li jħarsu x-xhidiet tiegħu, u jfittxuh b'qalbhom kollha. —Salmi 119:2

...Jien qegħidt illum quddiemkom il-ħajja u l-mewt, il-barka u s-saħta: għalhekk agħżel il-ħajja...: Biex tħobb il-Mulej, Alla tiegħek, u biex tisma' leħnu; u biex tingħaqad miegħu: għax Hu ħajtek.... —Dewteronomju 30:19, 20

Għax jien ħniena rrid, u mhux sagrifiċċju, u t-tagħrif t'Alla aktar mill-offerti tal-ħruq. —Hosegħa 6:6

Bħalma għażżiela mlebilba għall-ilma ġieri, hekk ruħi hi mlebilba għalik, o Alla. —Salmi 42:1

U qal: Wiċċi jiġi miegħek, u nserrħek. —Esodu 33:14

Biżżejjed! Kunu afu li jien Alla: jien nitgħolla fost il-ġnus, jien nitgħolla fuq l-art! —Salmi 46:10

. . . Il-Mulej magħkom meta intom tkunu miegħu; u jekk tfittxuh, iħallikom issibuh, u jekk titilquh, jitlaqkom. —2 Kronaki 15:2

Il-qalb qarrieqa aktar minn kollox, u marida għall-mewt: min jista' jifhimha? —Ġeremija 17:9

Hemm triq li tidher dritta lill-bniedem, iżda l-aħħar tagħha triq il-mewt. —Proverbji 16:25

Għax jekk Alla ma ħafirhiex lill-anġli li dinbu, imma tefagħhom fl-infern, u għalaqhom f'ħofor mudlama, merfugħin għall-ħaqq, il-Mulej jaf kif jeħles it-tajbin mit-tiġrib, u jżomm il-ħżiena biex ikunu kkastigati f'jum il-ħaqq. —2 Pietru 2:4, 9

U jekk ma tisimgħux minn leħen il-Mulej, iżda teħduha kontra l-kmand tal-Mulej, id il-Mulej tkun kontra tagħkom. . . . —1 Samwel 12:15

Jekk wieħed ma jibqax fija, jirtema barra bħal żarġuna, u jinxef; u jiġimgħuhom in-nies, u jitfgħuhom fin-nar, u jinħarqu. —Ġwanni 15:6

Iżda l-midinbin jinqerdu flim-kien: ulied il-ħżiena jitqaċċtu 'l barra. —Salmi 37:38

# BIEX INKUNU NAFU 'L ALLA JEĦTIEĠ INFITTXUH

U tfittxuni, u ssibuni, meta tfittxuni b'qalbkom kollha.
—Ġeremija 29:13

Jekk tfittxu...bħallkieku teżori moħbija; inti...ssib it-tagħrif t'Alla. —Proverbji 2:4, 5

Itolbu, u jingħatalkom; fittxu, u ssibu; ħabbtu, u jinfetħilkom.
—Mattew 7:7

Imma mingħajr fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lilu; għax min jiġi għand Alla jeħtieġ li jemmen li Alla hu, u li jħallas lil dawk li jfittxuh sewwa. —Lhud 11:6

Jiena nħobb lil min iħobbni, u min ifittixni bir-reqqa jsibni.
—Proverbji 8:17

Tajjeb il-Mulej għal dawk li jittamaw fih, għar-ruħ li tfittxu.
—Il-Biki ta' Ġeremija 3:25

U għamel minn demm wieħed il-ġnus kollha tal-bnedmin....biex ifittxu l-Mulej, jekk qatt jistgħu jħossuh, u jsibuh, għalkemm mhux bogħod minn kull wieħed minna.
—Atti 17:26, 27

Dawk li jagħrfu ismek iqiegħdu tamithom fik: għax int, Mulej, ma tlaqtx lil dawk li jfittxuk.
—Salmi 9:10

...Għax il-Mulej, Alla tagħkom, hu twajjeb u ħanin, u ma jdawwarx wiċċu minnkom, jekk terġgħu lejh. —2 Kronaki 30:9

Għax int, Sidi, twajjeb u lest biex taħfer; u kollok tjieba għal dawk li jsejħulek. —Salmi 86:5

Ersqu lejn Alla, u hu jersaq lejkom.... —Ġakbu 4:8

Il-Mulej qrib dawk kollha li jsejħulu, lil dawk kollha li jsejħulu fis-sewwa. —Salmi 145:18

Ejjew issa, ħa nirraġunaw flimkien, igħid il-Mulej: għalkemm dnubietkom huma bħall-iskarlat, jibjadu daqs is-silġ; għalkemm huma ħomor bħal kremżi, bħas-suf isiru. —Isaija 1:18

Ejjew għandi, intom ilkoll li taħdmu, u li intom mgħobbijin wisq, u jien inserraħkom. Ħudu l-madmad tiegħi fuqkom, u tgħallmu minni: għax jien ġwejjed u umli f'qalbi: u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom. —Mattew 11:28, 29

...Min jiġi għandi żgur li ma nitfgħux 'il barra. —Ġwanni 6:37

O intom ilkoll li intom bil-għatx, ejjew għall-ilma; u intom li m'-għandkomx flus, ejjew, ixtru, u kulu, iva, ejjew, ixtru nbid u ħalib bla flus u bla ma tħallsu. —Isaija 55:1

Min hu bħalek, o Mulej, fost l-allat?... Kbir fil-qodos...?
—Esodu 15:11

Ħadd m'hemm qaddis daqs il-Mulej; għax m'hemm ħadd għajrek.... —1 Samwel 2:2

...Bogħod minn Alla d-deni! Bogħod minn Min jista' kollox il-ħażen! —Ġob 34:10

...Qaddis, Qaddis, Qaddis, hu l-Mulej ta' l-eżerċti! l-art kollha mimlija bil-glorja tiegħu.
—Isaija 6:3

Min ma jweġġaħx lilek, o Mulej, u min ma jigglorifikax ismek? għax int waħdek qaddis....
—Ir-Rivelazzjoni 15:4

Għax hekk igħid Dak li hu għoli u merfugħ, li jgħammar għal dejjem, u jismu Qaddis: Jien ngħammar f'post għoli u qaddis.... —Isaija 57:15

...M'hemm ħadd tajjeb għajr wieħed, Alla. —Mark 10:18

Ħa jfaħħru l-isem kbir u tal-biża' tiegħek; għax hu qaddis.
—Salmi 99:3

Għollu l-Mulej, Alla tagħna,... għax il-Mulej, Alla tagħna, hu qaddis. —Salmi 99:9

...Qaddis, Qaddis, Qaddis, il-Mulej Alla li jista' kollox, li kien, li hu, u li jiġi. —Ir-Rivelazzjoni 4:8

## IN-NIES T'ALLA JEĦTIEĠ JGĦIXU ĦAJJA QADDISA

Inti temmen li hemm Alla wieħed; sewwa tagħmel: ix-xjaten ukoll jemmnu, u jitriegħdu. Imma trid tkun taf, ja bniedem fieragħ, li l-fidi bla opri hi mejta?
—Ġakbu 2:19, 20

L-imġieba tal-ħażin jistkerraħha l-Mulej: iżda jħobb lil min jimxi wara s-sewwa. —Proverbji 15:9

Fittxu s-sliem ma' kulħadd, u l-qdusija, li mingħajrha l-ebda bniedem ma jara l-Mulej.
—Lhud 12:14

Min igħid: Jien nagħrfu, u ma jħarisx il-kmandamenti tiegħu, hu giddieb, u ma hemmx sewwa fih. F'dan jidhru wlied Alla, u wlied ix-xitan: kull min ma jagħmilx il-ħaqq mhux minn Alla, lanqas min ma jħobbx 'il ħuh.
—1 Ġwanni 2:4; 3:10

Iżda bħalma hu qaddis dak li sejħilkom, hekk kunu intom ukoll qaddisin fl-imġieba tagħkom kollha. —1 Pietru 1:15

Fittxu t-tajjeb, u mhux il-ħażin, biex tgħixu: u hekk il-Mulej, Alla ta' l-eżerċti, ikun magħkom....
—Għamos 5:14

...Jew min joqgħod fil-post imqaddes tiegħu? —Salmi 24:3

...X'jitlob minnek il-Mulej ħlief li tagħmel biss is-sewwa, u tħobb it-tjieba, u timxi bl-umiltà m'Alla tiegħek? —Mikea 6:8

...Għandkom tkunu qaddisin: għax jien, il-Mulej Alla tagħkom, qaddis. —Levitku 19:2

...Ħobb il-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, u b'ruħek kollha, u b'saħħtek kollha, u b'moħħok kollu; u lil għajrek bħalek innifsek. —Luqa 10:27

Inti taf il-kmandamenti: La tagħmilx adulterju: La toqtolx: La tisraqx: La tixhidx falz: La timbroljax: Weġġaħ lil missierek u lil ommok. —Mark 10:19

U la taqblux ma' did-dinja: imma tbiddlu bit-tiġdid ta' moħħkom.... —Rumani 12:2

Dal-ktieb tal-liġi ma jitbiegħed qatt minn fommok, iżda aħseb fuqu nhar u lejl, biex tagħmel skond kulma hemm miktub fih; għax imbagħad inti tirnexxi f'kulma tagħmel, u jkollok ir-riżq. —Ġożwè 1:8

...Ikollkom fidi f'Alla. —Mark 11:22

U tqimu l-Mulej Alla tagħkom.... —Esodu 23:25

U dan hu l-kmandament li għandna minnu: Min iħobb 'l Alla, iħobb 'il ħuh ukoll. —1 Ġwanni 4:21

Hemm sitt ħwejjeġ li jobgħod il-Mulej: iva, sebgħa huma mistkerrħin minnu: Għajnejn imkabbra, ilsien giddieb, u idejn li jxerrdu demm bla ħtija, qalb li tberren ħsibijiet ħżiena, riġlejn ħfief biex jagħmlu l-ħsara, xiehed qarrieq, li jgħid il-gideb, u min bejn l-aħwa jqajjem il-ġlied.

—Proverbji 6:16-19

Għax jien, il-Mulej, inħobb is-sewwa; nobgħod is-serq....

—Isaija 61:8

Iżda l-beżżiegħa, u dawk li ma jemmnux, u l-moqżieża, u l-qattiela, u ż-żienja, u s-saħħara, u l-idolatri, u l-giddieba kollha, ikollhom sehemhom fl-għadira li tħeġġeġ bin-nar u l-kubrit: din hi t-tieni mewt. —Ir-Rivelazzjoni 21:8

...Ħudu ħsieb l-ispirtu tagħkom, u ħalli ħadd ma jimxi bil-qerq ma' mart żgħożitu. Għax jien nobgħod id-divorzju, igħid il-Mulej....

—Malakija 2:15, 16

Ħadd minnkom m'għandu jaħseb ħsara f'qalbu kontra għajru, u la tħobbux il-ġurament falz; għax dan kollu nistmellu, jgħid il-Mulej.

—Żakkarija 8:17

...Iżda Alla jaf qalbkom; għax dak li hu għoli ħafna fost il-bnedmin, hu mistkerraħ quddiem Alla. —Luqa 16:15

Iżda għaraftkom, illi m'għandkomx l-imħabba t'Alla fikom.
—Ġwanni 5:42

Għaliex min iħares il-liġi kollha, u jonqos f'ħaġa waħda, ikun ħati ta' kollox. —Ġakbu 2:10

Għidt jien imbagħad: Jaħasra għalija, mitluf jien; għax jien raġel b'xofftejh imniġġsa, u ngħammar fost poplu b'xofftejh imniġġsa: għax għajnejja raw is-Sultan, il-Mulej ta' l-eżerċti. —Isaija 6:5

Alla jittawwal mis-sema fuq ulied il-bnedmin, biex jara jekk hemmx x'uħud minnhom li huma għaqlin, li jfittxu lil Alla....ħadd ma hemm li jagħmel it-tajjeb, le, lanqas wieħed. —Salmi 53:2, 3

Għalhekk min jaf jagħmel it-tajjeb, u ma jagħmlux, jagħmel dnub. —Ġakbu 4:17

Kif inhu miktub: M'hemm ħadd tajjeb, le, lanqas wieħed. Għax kollha dinbu, u neqsin mill-glorja t'Alla. —Rumani 3:10, 23

...Kull min ma jagħmilx il-ħaqq mhux minn Alla, lanqas min ma jħobbx 'il ħuh. —1 Ġwanni 3:10

Bħal ngħaġ aħna lkoll intlifna....
—Isaija 53:6

...Min jista' joqgħod quddiem il-Mulej, dan Alla l-qaddis?...
—1 Samwel 6:20

# BL-OPRI TAGĦNA MA NISTGĦUX NOGĦĠBU 'L ALLA

Għax jien nixhdilhom li huma għandhom ħeġġa għal Alla, iżda mhux skond it-tagħlim. Għax waqt li ma jagħrfux il-ħaqq t'Alla, u jfittxu li jwettqu l-ħaqq tagħhom stess, ma joqogħdux għall-ħaqq t'Alla. —Rumani 10:2, 3

Sirna lkoll bħal wieħed imniġġes, u s-sewwa kollu tagħna sar bħal ċarruta maħmuġa. —Isaija 64:6

Meta ngħid lill-ġust, li hu żgur jibqa' ħaj; u hu jafda fis-sewwa tiegħu, u jagħmel id-deni, is-sewwa tiegħu kollu ma jitfakkarx iżjed; iżda jmut minħabba d-deni li jkun għamel. —Eżekjel 33:13

Għalhekk mela dawk li jgħixu filġisem ma jistgħux jogħġbu 'l Alla. —Rumani 8:8

Imma li l-ebda bniedem ma hu ġġustifikat bil-liġi quddiem Alla, hu ċar; għax, Il-ġust jgħix bil-fidi. —Galatin 3:11

Għalhekk ħadd ma jkun iġġustifikat quddiemu bl-egħmil tal-liġi . . . . —Rumani 3:20

Mhux għax aħna għandna ħila minna nfusna li nqisu xi ħaġa bħala ġejja minna nfusna; imma l-ħila tagħna ġejja minn Alla. —2 Korintin 3:5

Għalhekk, bħalma bi bniedem wieħed id-dnub daħal fid-dinja, u l-mewt bid-dnub; u hekk il-mewt għaddiet għal fuq kull bniedem, għax kollha dinbu. —Rumani 5:12

Imbagħad meta taħbel il-passjoni, tiled id-dnub; u d-dnub, meta jikber sewwa, iġib il-mewt.
—Ġakbu 1:15

Iżda ħżunijietkom firdu bejnkom u bejn Alla tagħkom, u dnubietkom dawrulu wiċċu minnkom biex ma jismax. —Isaija 59:2

Bħalma min jimxi mas-sewwa jimxi għall-ħajja, hekk min imur wara l-ħażin jimxi għall-mewt tiegħu stess. —Proverbji 11:19

...Hekk igħid Alla: Għaliex tiksru l-kmandamenti tal-Mulej, biex ma ssibux riżq? Talli tlaqtu l-Mulej, jitlaqkom hu wkoll.
—2 Kronaki 24:20

Għax li wieħed ma jridx jisma' hu bħal dnub is-seħer, u l-ebusija tar-ras hi bħal ħażen u l-qima ta' l-allat. Talli int warrabt kelmet il-Mulej, hu warrbek ukoll....
—1 Samwel 15:23

U jien żgur naħbi wiċċi f'dak il-jum minħabba d-deni kollu li jkunu għamlu....
—Dewteronomju 31:18

Ir-ruħ li tidneb, tmut....
—Eżekjel 18:20

Alla hu mħallef ġust; Alla mgħaddab għall-ħażin kuljum.

–Salmi 7:11

Il-Mulej idum ma jagħdab, u kbir fil-qawwa, u l-Mulej ma jżommx il-ħati b'innoċenti. . . . –Naħum 1:3

Li minħabba fihom jiġi l-għadab t'Alla fuq ulied id-diżubbidjenza.

–Kolossin 3:6

Għax il-għadab t'Alla jidher missema kontra kull ħażen u deni talbnedmin, li jżommu s-sewwa fiddeni. –Rumani 1:18

Mimlijin b'kull deni, żena, dnewwa, regħba, malizzja; mimlijin għira, qtil, ġlied, qerq, ħżunija; iqassu, jagħtu l-malafami, jobogħdu 'l Alla, igħajru, kburin, faħħarin, jivvintaw il-ħsara, ma jobdux il-ġenituri tagħhom, bla moħħ, ma jżommux kelmithom, bla ġibda naturali, ma jaħfru qatt, bla ħniena: li għalkemm jafu l-ħaqq t'Alla, li dawk li jagħmlu dawn il-ħwejjeġ ħaqqhom il-mewt, mhux biss jagħmluhom, iżda jieħdu pjaċir b'dawk li jagħmluhom.

–Rumani 1:29-32

Iżda lil dawk li jmieru, u ma jobdux is-sewwa, iżda jobdu l-ħażen, qilla, u għadab. Niket u dwejjaq fuq kull ruħ ta' bniedem li jagħmel il-ħażen. . . .

–Rumani 2:8, 9

. . . Hu maqtugħ għall-bnedmin li jmutu darba biss, iżda wara dan isir il-ħaqq. —Lhud 9:27

Iżda jien ngħidilkom: kull kelma fil-batal li l-bnedmin jgħidu, ikollhom jagħtu kont tagħha f'jum il-ħaqq. —Mattew 12:36

Għax Alla jagħmel ħaqq minn kulma jsir, minn kull ħaġa moħbija, sew tajba, u sew ħażina. —Ekkleżjażti 12:14

Hekk jiġri fit-tmiem tad-dinja; joħorġu l-anġli, u jifirdu l-ħżiena minn fost it-tajbin. U jitfgħuhom fil-forn tan-nar: hemm ikun hemm biki u tgħażgħiż tas-snien. —Mattew 13:49, 50

U rajt il-mejtin, kbar u żgħar, weqfin quddiem Alla; u nfetħu l-kotba: u nfetaħ ktieb ieħor, li hu l-ktieb tal-ħajja: u sar ħaqq mill-mejtin fuq dawk il-ħwejjeġ li kienu miktubin fil-kotba, skond l-egħmejjel tagħhom. U kull min ma nstabx miktub fil-ktieb tal-ħajja, kien mitfugħ fl-għadira tan-nar. —Ir-Rivelazzjoni 20:12, 15

Hi ħaġa tal-biża' li wieħed jaqa' f'idejn Alla l-ħaj. —Lhud 10:31

. . . Għax ġej biex jagħmel ħaqq mill-art: hu jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja, u mill-popli bis-sewwa tiegħu. —Salmi 96:13

Għajnejn il-Mulej huma kullimkien, iħarsu lejn il-ħżiena u t-tajbin. —Proverbji 15:3

O Mulej, int għarbiltni, u għaraftni. Taf meta noqgħod bilqiegħda, u taf meta nqum; taf ħsibijieti mill-bogħod. Int tagħraf il-mixi tiegħi, u l-waqfien tiegħi: inti taf tajjeb triqati kollha. Għax m'hemmx kelma f'fommi, li int, Mulej, ma tafhiex kollha. —Salmi 139:1-4

. . . Mhux bħal ma jara l-bniedem, jara Alla; għax il-bniedem jara dak li jidher, u l-Mulej jara l-qalb. —1 Samwel 16:7

Għax għajnejja huma fuq triqathom kollha: mhumiex moħbijin minn wiċċi, u lanqas il-ħażen tagħhom mhu moħbi minn għajnejja. —Ġeremija 16:17

Min għamel il-widna, ma jismax? Min għamel il-għajn, ma jarax? —Salmi 94:9

U m'hemm l-ebda kreatura li ma tidhirx quddiemu: imma kollox hu għeri u mikxuf quddiem għajnejn dak li miegħu għandna x'naqsmu. —Lhud 4:13

Għax għajnejh fuq l-imġieba talbniedem, u l-passi tiegħu kollha jara. Ma hemmx dlam, lanqas dell il-mewt, li fihom jinsatru dawk li jagħmlu d-deni. —Ġob 34:21, 22

Nieħu forsi pjaċir li l-ħażin imut? jgħid Sidi l-Mulej, u mhux pjuttost li jerġa' lura minn triqatu, u jibqa' ħaj? —Eżekjel 18:23

Le: ngħidilkom; iżda jekk ma tindmux, tintilfu hekk ilkoll. —Luqa 13:3

Min jaħbi ħtijietu ma jkollux riżq: iżda minn jistqarrhom u jabbandunahom jaqla' l-ħniena. —Proverbji 28:13

Għalhekk, issa wkoll jgħid il-Mulej, duru lejja b'qalbkom kollha, u bis-sawm, bil-biki, u bit-tinwiħ! U ċarrtu qalbkom, u mhux ħwejjiġkom, u duru lejn il-Mulej, ...għax il-Mulej idum ma jagħdab, u mimli tjieba.... —Ġoel 2:12, 13

Ħudu l-kliem magħkom, u erġgħu lejn il-Mulej. Għidulu.... —Ħosegħa 14:2

Imbagħad jgħanni lin-nies, u jgħid: Dnibt, u għawwiġt dak li kien sewwa, u ma kontx ikkastigat daqs kemm ħaqqni. Ħeles Alla lil ruħi, li ma tmurx fil-ħofra, u ħajti tara d-dawl. —Ġob 33:27, 28

...Indmu, u erġgħu lura mill-ħtijiet tagħkom kollha; u hekk il-ħażen ma jkunx it-tiġrif tagħkom. —Eżekjel 18:30

Qalu: Duru kull wieħed mit-triq il-ħażina tiegħu, u mill-ħażen ta' egħmilkom.... —Ġeremija 25:5

Fittxu l-Mulej meta jista' jinstab; sejħulu x'ħin hu qrib. Ħalli l-ħażin jitlaq triqtu, u r-raġel tal-ħażen ħsibijietu: u ħa jarġa' lejn il-Mulej, u hu jħenn għalih; u lejn Alla tagħna, għax hu mimli bil-maħfra.

—Isaija 55:6, 7

Qrib dawk ta' qalbhom maqsuma hu l-Mulej; u jgħin lil dawk ta' spirtu niedem għalkollox.

—Salmi 34:18

...Biex iduru kull wieħed minn triqtu l-ħażina; biex naħfrilhom il-ħażen tagħhom....

—Ġeremija 36:3

Stqarrejtlek dnubi, u l-ħażen tiegħi jien ma ħbejtx. Jien għidt: Nistqarr ħtijieti lill-Mulej; u int ħfirtli l-ħażen ta' dnubi. Sela.

—Salmi 32:5

Jekk nistqarru dnubietna, hu fidil u ġust biex jaħfrilna dnubietna, u jnaddafna minn kull ħażen.

—1 Ġwanni 1:9

Indmu mela, u ikkonvertu, biex dnubietkom jitħassru....

—Atti 3:19

Jien nisma' dak li għandu xi jgħid Alla, il-Mulej: għax hu jxandar is-sliem għall-poplu tiegħu, u għall-fidili tiegħu: iżda tħallihomx jerġgħu jaqgħu fil-bluha.

—Salmi 85:8

L-indiema tfisser tagħti daharek għad-dnub u tammettih quddiem Alla.

# HEMM BŻONN SAGRIFIĊĊJU BIEX NITĦABBU M'ALLA

(Id-dnub ġab il-firda, paġna 14.)

U jqiegħed idu fuq ras l-offerta tal-ħruq, u din tkunlu milqugħa biex tgħattilu dnubu. Għax il-ħajja tal-laħam hi fid-demm: u jien tajtulkom fuq l-altar biex tagħmlu offerta ħa tgħattu dnubkom għalikom infuskom; għax hu d-demm, li hu l-ħajja, li jgħatti d-dnub. —Levitku 1:4; 17:11

...U bla tixrid ta' demm m'hemmx maħfra. —Lhud 9:22

Il-ħaruf tagħkom ikun bla difett, raġel ta' l-ewwel sena....U jieħdu ftit demm, u jxerrduh fuq il-ħisrejn u fuq il-blata tal-bibien tad-djar, li jikluh fihom. U d-demm ikun għalikom bħala sinjal fuq id-djar fejn tkunu: u malli nara d-demm, jien naqbiżkom, u l-ebda ħsara ma tiġi fuqkom biex teqridkom.... —Esodu 12:5, 7, 13

...U qal: Ara n-nar u l-ħatab: iżda fejn hu l-ħaruf għall-offerta maħruqa? Abraham qal: Ibni, Alla jaħseb hu għall-ħaruf għall-offerta maħruqa....U Abraham rafa' għajnejh, u ħares, u ra warajh kibx maqbud minn qrunu fil-frieghi: u Abraham mar u ħa l-kibx, u offrih bħala offerta maħruqa flok ibnu. —Ġenesi 22:7-8, 13

L-għada Ġwanni ra 'l Ġesù ġej lejh, u qal: Ara l-Ħaruf t'Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja.
—Ġwanni 1:29

...U l-Mulej tafa' fuqu l-ħażen tagħna lkoll. Kien maħqur, u kien umiljat, u fommu ma fetħux, bħal ħaruf meħud għall-qatla, bħal nagħġa li titbikkem quddiem min iġiżżha, hekk hu ma fetaħx fommu. —Isaija 53:6, 7

Lanqas bid-demm tal-bdabad u tal-għoġiela, imma b'demmu stess daħal darba għal dejjem fis-santwarju, billi kiseb fidwa għal dejjem għalina.... Iżda issa deher darba fl-aħħar taż-żminijiet biex iħassar id-dnub bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu. Hekk Kristu kien offrut darba biex jarfa' d-dnubiet ta' ħafna.... —Lhud 9:12, 26, 28

Billi tafu li kontu mifdijin... mhux bi ħwejjeġ li jitħassru, bħalma huma fidda u deheb; imma bid-demm prezzjuż ta' Kristu, bħala ħaruf bla għajb u bla tebgħa. —1 Pietru 1:18, 19

Kemm aktar id-demm ta' Kristu, li permezz ta' l-Ispirtu etern offra lilu nnifsu bla għajb 'l Alla, inaddaf il-kuxjenza tagħkom minn egħmejjel mejta, biex taqdu 'l Alla l-ħaj? —Lhud 9:14

Li ġġustifikahom b'xejn bil-grazzja tiegħu permezz tal-fidwa li hi fi Kristu Ġesù: li Alla qiegħdu biex ikun bħala mezz tal-maħfra ta' dnubietna permezz tal-fidi f'demmu.... —Rumani 3:24, 25

Iżda Alla jirrikmanda l-imħabba tiegħu lilna, billi meta konna għadna midinbin, Kristu miet għalina. Aktar u aktar mela, billi aħna ġġustifikati b'demmu nkunu salvati mill-għadab permezz tiegħu. —Rumani 5:8, 9

Billi nafu li l-bniedem mhux iġġustifikat bl-opri tal-liġi, imma bil-fidi ta' ġesù Kristu.... —Galatin 2:16

Għax bil-grazzja intom salvati, permezz tal-fidi: u dan mhux minnkom infuskom: dan hu don t'Alla. —Efesin 2:8

Lilu l-profeti kollha jixhdu, li dawk kollha li jemmnu fih jaqilgħu l-maħfra ta 'dnubiethom b'ismu. —Atti 10:43

U lanqas f'ħadd ieħor mhemm salvazzjoni: għax mhemm ebda isem ieħor taħt is-sema mogħti fost il-bnedmin, li bih nistgħu nkunu salvati. —Atti 4:12

Li fih għandna l-fidwa permezz ta' demmu, il-maħfra tad-dnubiet, skond il-għana tal-grazzja tiegħu. —Efesin 1:7

...L-anġlu Gabrijel intbagħat mingħand Alla f'belt tal-Galilija, jisimha Nażaret, għand xebba mgħarrsa ma' raġel li kien jismu Ġużepp, mid-dar ta' David; u l-isem tax-xebba kien Marija.... U qalilha l-anġlu: La tibżax, Marija: għax int sibt grazzja quddiem Alla. U, ara, int tnissel f'ġufek, u tiled iben, u ssemmih ĠESÙ. Hu jkun kbir, u jissemma Bin il-Għoli:... U għal saltnatu ma jkunx hemm tmiem. U mbagħad Marija qalet lill-anġlu: Kif ikun dan, la jien ma nagħrafx raġel? U wieġeb l-anġlu, u qalilha: L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tgħattik: għalhekk ukoll dik il-ħaġa qaddisa li titwieled minnek tissejjaħ Bin Alla.... Għax m'hemm xejn li ma jistax ikun għal Alla. U qalet Marija: Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej; ikunli skond kelmtek. U l-anġlu telaq minn ħdejha.

—Luqa 1:26-38

...Ara, l-anġlu tal-Mulej deherlu f'ħolma jgħid:... Dak li hu mnissel fiha hu mill-Ispirtu s-Santu. U hi tiled iben; u int issemmih ĠESÙ; għax hu jeħles il-poplu tiegħu minn dnubiethom.

—Mattew 1:20, 21

Adam u Kristu biss daħlu fid-dinja mingħajr ma kienu prodott ta' unjoni sesswali. Adam ġab id-dnub fid-dinja, iżda Ġesù ġab ir-rebħa fuq id-dnub.

...Li kien fi Kristu Ġesù: li, għalkemm kien f'sura t'Alla, ma qishiex bħala ħaġa misruqa li jkun daqs Alla: iżda xejjen lilu nnifsu, u ħa fuqu s-sura ta' qaddej, u kien magħmul fix-xbieha tal-bnedmin: u wara li minn barra nstab bħala bniedem, umilja lilu nnifsu, u sar ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-salib. —Filippin 2:5-8

Jiena u Missieri ħaġa waħda aħna. Tgħidu lil min il-Missier qaddes, u bagħat fid-dinja: Qiegħed tidgħi; għax għidt: Jien Bin Alla? —Ġwanni 10:30, 36

Ġesù Kristu, il-Kelma Eterna, minn dejjem eżista. ***B'miraklu,*** Hu kien imnissel fil-ġuf ta' verġni jisimha Marija. Fiżikament hu magħruf bħala Bin il-Bniedem, u spiritwalment hu magħruf bħala Bin Alla. L-Iskrittura tuża l-kelma "Iben" biex tispjega r-relazzjoni li teżisti bejn Alla u l-Kelma tiegħu—Gesù Kristu.

Għalhekk meta daħal fid-dinja, qal:... ġisem ħejjejtli. —Lhud 10:5

U li skond l-ispirtu tal-qdusija, kien iddikjarat Bin Alla bis-setgħa, bil-qawmien mill-imwiet. —Rumani 1:4

U Tumas wieġeb u qallu: Mulejja, u Alla tiegħi. —Ġwanni 20:28

U bla tmerija, kbir hu l-misterju tat-tjieba: Alla deher fil-ġisem....
—1 Timotju 3:16

Għax fih (Kristu Ġesù) tgħammar il-milja kollha tad-divinità fil-ġisem. —Kolossin 2:9

Ara, xebba titqal, u tiled iben, u jsemmuh Emmanuwel, li jfisser: Alla magħna. —Mattew 1:23

Għax tweldilna tifel; ingħatalna iben: u s-setgħa tkun fuq spallejh, u jissemma ismu Kunsilier ta' l-Għaġeb, Alla qawwi, Missier għal dejjem, il-Prinċep tal-Paċi.
—Isaija 9:6

Qalilhom Ġesù:... Qabel ma kien Abraham, jien hu. —Ġwanni 8:58

Fiha kienet il-ħajja; u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin. Kien fid-dinja, u d-dinja saret bih; u d-dinja ma għarfitux.
—Ġwanni 1:4, 10

Għax hemm Alla wieħed, u medjatur wieħed bejn Alla u l-bnedmin: il-bniedem Kristu Ġesù, li ta lilu nnifsu bħala fidwa għal kulħadd.... —1 Timotju 2:5, 6

Li fih għandna l-fidwa b'demmu, u l-maħfra wkoll tad-dnubiet:... hu x-xbieha t'Alla li ma jidhirx....
—Kolossin 1:14, 15

Għax il-profezija ma ġiet qatt fl-imgħoddi bir-rieda tal-bniedem; imma nies qaddisa, mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu, tkellmu.

—2 Pietru 1:21

Bħal ma tkellem b'fomm il-profeti mqaddsa tiegħu, li ilhom minn meta nbdiet id-dinja. Biex tagħti tagħrif fuq is-salvazzjoni lill-poplu tiegħu bil-maħfra ta' dnubiethom. —Luqa 1:70, 77

Għax kull ħaġa li nkitbet minn qabel, inkitbet għat-tagħlim tagħna, biex bis-sabar u l-faraġ ta' l-Iskrittura jkollna t-tama.

—Rumani 15:4

L-Ispirtu tal-Mulej tkellem bija, u kelmtu kienet fuq ilsieni.

—2 Samwel 23:2

U dawn il-kelmiet, li jien qiegħed nordnalek illum, ikunu f'qalbek.

—Dewteronomju 6:6

L-Iskrittura kollha hi mogħtija b'ispirazzjoni minn Alla, u tiswa għat-tagħlim, għaċ-ċanfir, għat-twiddib, għat-taħriġ fil-ħaqq.

—2 Timotju 3:16

...Qegħdin tiżbaljaw, għax ma tafux l-Iskrittura, u lanqas il-qawwa t'Alla. —Mattew 22:29

...Int kabbart ismek u kelmtek fuq kollox. —Salmi 138:2

U kien liebes mantar imgħaddas fid-demm: u ismu kien Il-Kelma t'Alla. –Ir-Rivelazzjoni 19:13

Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet Alla. U l-Kelma saret ġisem, u għammret fostna.... –Ġwanni 1:1, 14

## *Ġesù jurina lil Alla*

Ħadd qatt ma ra 'l Alla f'xi żmien; l'Iben waħdieni, li hu fi ħdan il-Missier, hu għarrfu. –Ġwanni 1:18

Għax Alla, li ordna lid-dawl jiddi mid-dlam, idda fi qlubna, biex idawwalna bit-tagħrif tal-glorja t'Alla f'wiċċ Kristu. –2 Korintin 4:6

...Għax jien mingħand Alla ħriġt u ġejt; lanqas ma ġejt minn rajja, imma hu bagħatni. –Ġwanni 8:42

## *Alla jitkellem b'Ġesù*

Alla, li bosta drabi u b'ħafna manjieri kellem fl-imgħoddi lil missirijietna bil-profeti, f'dawn l-aħħar jiem kellimna b'Ibnu, li għamlu werriet tal-ħwejjeġ kollha, u li bih ukoll għamel id-dinjiet. –Lhud 1:1, 2

Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi; u l-kelma li tisimgħu, mhix tiegħi, iżda tal-Missier li bagħatni. –Ġwanni 14:24

### *Il-Bibbja hi ikel għar-ruħ*

...Jien għożżejt kliem fommu aktar mill-ikel meħtieġ tiegħi.
—Ġob 23:12

Hu miktub: Il-bniedem ma jgħixx biss bil-ħobż, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla.
—Mattew 4:4

### *Il-Bibbja ddawlilna t-triq*

Kelmtek musbieħ għal riġlejja, u dawl għall-mogħdija tiegħi.
—Salmi 119:105

It-tifsir ta' kliemek jagħti d-dawl; jagħti d-dehen lil ta' moħħhom dgħajjef.
—Salmi 119:130

### *Ġesù hu ħobż mis-sema*

Jien hu l-ħobż ħaj li nżilt mis-sema: jekk xi ħadd jiekol minn dal-ħobż, jgħix għal dejjem u l-ħobż, li nagħti jien hu gismi, li nagħti għall-ħajja tad-dinja. Jien hu dak il-ħobż tal-ħajja.
—Ġwanni 6:51, 48

### *Ġesù hu dawl għad-dinja*

Fiha kienet il-ħajja; u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin. Imbagħad Ġesù raġa' kellimhom, billi qal: Jiena hu d-dawl tad-dinja: min jimxi warajja ma jimxix fid-dlam, imma jkollu d-dawl tal-ħajja.
—Ġwanni 1:4; 8:12

### *Il-Bibbja ġġib ħajja mimlija frott*

Iżda l-għaxqa tiegħu hi fil-liġi tal-Mulej; u lejl u nhar jaħseb fil-liġi tiegħu. U jkun bħal siġra mħawla ħdejn nixxigħat ta' l-ilma, li tagħti l-frott fi żmienha, u ma jidbielx ukoll il-weraq tagħha; u kulma tagħmel isir ġid. —Salmi 1:2, 3

### *Ġesù jagħti ħajja mimlija frott*

Ibqgħu fija, u jiena fikom. Bħalma l-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha, għajr jekk tibqa' fid-dielja; hekk intom lanqas tistgħu, għajr jekk tibqgħu fija. Jiena d-dielja, intom iż-żraġen: min jibqa' fija, u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott: għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn.

—Ġwanni 15:4, 5

## L-ISKRITTURA TGĦIDILNA DWAR ĠESÙ KRISTU

Fittxu fl-iskrittura; għax fiha taħsbu li għandkom il-ħajja ta' dejjem: hija hi li tagħti xhieda tiegħi. Għax kieku emmintu 'l Mosè, kontu temmnu lili; għax hu kiteb fuqi. —Ġwanni 5:39, 46

U beda minn Mosè u l-profeti kollha, u fissrilhom dawk il-ħwejjeġ li fl-Iskrittura kollha hemm fuqu. —Luqa 24:27

# IL-KELMA ETERNA T'ALLA MA TINBIDEL QATT

Għal dejjem, o Mulej, il-kelma tiegħek hi mwaqqfa fis-smewwiet.
—Salmi 119:89

Kelmtek sewwa mill-bidu: u l-ġudizzji kollha tal-ħaqq tiegħek jibqgħu għal dejjem.
—Salmi 119:160

Il-ħaxix jinxef, in-nwar jidbiel: iżda kelmet Alla tagħna tibqa' għal dejjem. —Isaija 40:8

. . . Sakemm jgħaddu s-sema u l-art, jota waħda jew nitfa waħda ma titneħħiex mil-liġi, sama kollox iseħħ. —Mattew 5:18

. . . L-Iskrittura ma tistax tkun nieqsa. —Ġwanni 10:35

### *Il-bnedmin ma jissograwx jibdlu l-Bibbja*

Kulma nikkmandakom, qisu li tagħmluh: la żżid xejn miegħu, u lanqas tnaqqaslu.
—Dewteronomju 12:32

La żżid xejn ma' kliemu, li ma jlumikx, u toħroġ ta' giddieb.
—Proverbji 30:6

U jekk xi ħadd ineħħi mill-kliem tal-ktieb ta' din il-profezija, Alla jneħħilu sehmu mill-ktieb tal-ħajja. . . . —Ir-Rivelazzjoni 22:19

Kull min imaqdar il-kelma, jgħarraq lilu nnifsu. . . .
—Proverbji 13:13

Għalhekk iħobbni Missieri, għax nagħti ħajti, biex narġa' neħodha. Ħadd ma jeħodhieli, iżda jien nagħtiha minni nnifsi. Għandi s-setgħa nagħtiha, u għandi s-setgħa nerġa' neħodha.

—Ġwanni 10:17, 18

Wieġeb Ġesù: Ma kien ikollok ebda setgħa fuqi, li ma kienx mogħti lilek minn fuq....

—Ġwanni 19:11

Taħseb int li jien ma nistax issa nitlob lil Missieri, u issa stess jibgħatli iżjed minn tnax-il leġjun ta' anġli? Iżda kif mela sseħħ l-Iskrittura, li hekk jeħtieġ isir?

—Mattew 26:53, 54

Imma dawk il-ħwejjeġ, li Alla minn qabel wera b'fomm il-profeti kollha tiegħu, illi Kristu kellu jbati, hu hekk ġagħal li jseħħu.

—Atti 3:18

Dan, mogħti fl-idejn skond il-fehma li ma titbiddilx u l-għerf minn qabel t'Alla, intom qbadtu, u b'idejn ħżiena sallabtu u qtiltu.

—Atti 2:23

Iżda l-Mulej għoġbu jisħqu; u jmardu: wara li jagħti ħajtu bħala sagrifiċċju għad-dnub....

—Isaija 53:10

Ma kellux Kristu jbati dawn il-ħwejjeġ, u jidħol fil-glorja tiegħu?

—Luqa 24:26

U miegħu sallbu żewġ ħallelin; wieħed fuq il-lemin tiegħu, u l-ieħor fuq ix-xellug tiegħu. U seħħet l-iskrittura, li tgħid: U kien magħdud mal-ħżiena.

—Mark 15:27, 28

Imbagħad ġew is-suldati, u kissru saqajn l-ewwel wieħed, u ta' l-ieħor li kien imsallab miegħu. Iżda meta ġew għal Ġesù, u raw li kien diġà miet, ma kissrux saqajh: iżda wieħed mis-suldati nifidlu ġenbu bil-lanza, u minnufih ħareġ demm u ilma. U dak li ra dan xehed, u x-xhieda tiegħu hija minnha: u hu jaf li qiegħed jgħid is-sewwa, biex intom temmnu. Għax dawn il-ħwejjeġ ġraw, biex isseħħ l-Iskrittura: Għadma minnu ma tinkisirx. U... Iħarsu lejn dak li nifdu.

—Ġwanni 19:32-37

Issa mis-sitt siegħa kien hemm dlamijiet fuq l-art kollha sad-disa' siegħa. Ġesù, wara li reġa' għajjat b'leħen qawwi, radd ruħu.... U l-art theżżet, u l-blat inferaq. Issa kif iċ-ċenturjun, u dawk li kienu miegħu jgħassu 'l Ġesù, raw it-theżhiż ta' l-art, u l-ħwejjeġ li kienu ġraw, beżgħu wisq, u qalu: Tassew dan kien l-Iben t'Alla.

—Mattew 27:45, 50-51, 54

Li Alla qajmu, billi ħall il-weġgħat tal-mewt: għax ma kienx jista' jkun li jinżamm minnha. Dan Ġesù qajmu Alla, li tiegħu aħna lkoll xhud. —Atti 2:24, 32

Mela billi l-ulied għandhom l-istess laħam u demm, hu wkoll ħa sehem minn dan l-istess demm u laħam, biex permezz tal-mewt, jeqred lil dak li kellu l-ħakma tal-mewt, jiġifieri, ix-xitan; u jeħles lil dawk li minħabba l-biża' tal-mewt kienu suġġetti għall-jasar ħajjithom kollha. —Lhud 2:14, 15

Ja mewt, fejn hi n-niggieża tiegħek? Ja qabar, fejn hi r-rebħa tiegħek? Imma niżżuħajr 'l Alla li tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu. —1 Korintin 15:55, 57

Jiena hu l-ħaj, u kont mejjet; u, ara, jien ħaj għal dejjem ta' dejjem. Amen; u għandi l-imfietaħ ta' mkien il-mejtin u tal-mewt. —Ir-Rivelazzjoni 1:18

Dehret issa bid-dehra tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu, li qered il-mewt, u dawwal il-ħajja u l-immortalità permezz ta' l-evanġelju. —2 Timotju 1:10

...Il-mewt ma ssaltanx iżjed fuqu. —Rumani 6:9

Ara, jien qiegħed fil-bieb, u nħabbat: jekk xi ħadd jisma' leħni, u jiftaħ il-bieb, nidħol għandu, u noftor miegħu, u hu miegħi.
—Ir-Rivelazzjoni 3:20

Imma għal dak li ma jaħdimx, iżda jemmen f'dak li jiġġustifika l-ħażin, il-fidi tiegħu tingħadd bħala ħaqq. —Rumani 4:5

...Ħudu l-Ispirtu s-Santu....Itolbu, u taqilgħu, biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ. —Ġwann 20:22; 16:24

Għax jekk int tistqarr b'fommok 'il Sidna Ġesù, u temmen f'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, int issalva. —Rumani 10:9

Min iħobb lil missieru jew lil ommu aktar minni ma jistħoqqlux ikun tiegħi....Imbagħad Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, ħa jiċħad lilu nnifsu, u jerfa' salibu, u jiġi warajja. Għax kull min irid isalva ħajtu jitlifha: u kull min jitlef ħajtu minħabba fija jsibha.
—Mattew 10:37; 16:24, 25

U jekk intom ta' Kristu, intom mela nisel Abraham, u werrieta skond il-wegħda. —Galatin 3:29

U huma qalu: Emmen fil-Mulej Ġesù Kristu, u tkun salvat, int u darek. —Atti 16:31

U din hi x-xhieda: Alla tana l-ħajja ta' dejjem, u din il-ħajja hi f'Ibnu. Min għandu l-Iben għandu l-ħajja; u min m'għandux l-Iben t'Alla m'għandux il-ħajja.
—1 Ġwanni 5:11, 12

Imma Alla,... ukoll meta konna mejtin fid-dnubiet, tana l-ħajja flimkien ma' Kristu....
—Efesin 2:4, 5

Jien imsallab ma' Kristu: madankollu jien ngħix; imma mhux jien, imma Kristu jgħix fija: u l-ħajja li issa ngħix fil-ġisem ngħixha bil-fidi ta' l-Iben t'Alla, li ħabbni, u ta lilu nnifsu għalija.
—Galatin 2:20

Għax il-liġi ta' l-Ispirtu tal-ħajja fi Kristu Ġesù ħelsitni mil-liġi tad-dnub u l-mewt. —Rumani 8:2

Għalhekk jekk xi ħadd hu fi Kristu, hu ħlejqa ġdida: il-qadim mar; ara, issa kollox sar ġdid.
—2 Korintin 5:17

Billi twelidtu mill-ġdid, minn nisel mhux li jitħassar, imma li ma jitħassarx, permezz tal-kelma t'Alla ħajja, u li tibqa' għal dejjem. —1 Pietru 1:23

Bħal trabi li għadhom kemm twieldu, ixxenqu għall-ħalib safi tal-kelma, biex tikbru bih.
—1 Pietru 2:2

Missier l-iltiema, u mħallef tar-romol, hu Alla fl-agħmara mqad-dsa tiegħu. —Salmi 68:5

Iżda int, o Mulej, missierna; aħna t-tafal, u int il-fuħħari tagħna; u aħna lkoll xogħol idejk. . . . int, o Mulej, missierna, il-feddej tagħna; ismek minn dejjem. —Isaija 64:8; 63:16

. . . U jiġri, li flok ma jgħidulhom: Intom m'intomx il-poplu tiegħi, jgħidulhom: Intom ulied Alla l-ħaj. —Ħosegħa 1:10

Jekk intom mela, li intom ħżiena, tafu kif tagħtu għotjiet tajba lil uliedkom, kemm iżjed Missierkom li hu fis-smewwiet jagħti ħwejjeġ tajba lil dawk li jitolbuh? Hekk mela itolbu: Missierna li int fis-smewwiet, jitqaddes ismek. —Mattew 7:11; 6:9

. . . U jien nilqagħkom. U nkun għalikom Missier, u intom tkunu għalija wlied, subien u bniet, jgħid il-Mulej li jista' kollox. —2 Korintin 6:17, 18

Għax dawk kollha li huma mmexxijin bl-Ispirtu ta' Alla, huma wlied Alla. Għax intom ma ħadtux spirtu ta' jasar biex terġgħu tibżgħu; imma ħadtu Spirtu t'adozzjoni, li bih ngħajtu: Abba! Missier! —Rumani 8:14, 15

# PERMEZZ TA' ĠESÙ NAFU 'L ALLA BĦALA MISSIER

Qallu Ġesù: Jiena t-triq, u s-sewwa, u l-ħajja: ħadd ma jiġi għand il-Missier, ħlief bija. Kieku għaraftuni, kontu tagħrfu 'l Missieri wkoll; minn issa tagħrfuh, u rajtuh....Jekk wieħed iħobbni, iħares kliemi: u Missieri jħobbu, u aħna niġu għandu, u ngħammru miegħu. —Ġwanni 14:6, 7, 23

...Alla bagħat 'l Ibnu,...biex insiru wlied adottivi. U billi intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu t'Ibnu f'qalbkom, jgħajjat: Abba, Missier. Għalhekk m'għadikx aktar qaddej, imma iben: u jekk iben, werriet ukoll t'Alla permezz ta' Kristu. Għax intom ilkoll ulied Alla bil-fidi fi Kristu Ġesù.

—Galatin 4:4-7; 3:26

Iżda lil dawk kollha li laqgħuh, tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla; lil dawk li jemmnu f'ismu.

—Ġwanni 1:12

...U jekk xi ħadd jidneb, għandna bħala avukat quddiem il-Missier, lil Ġesù Kristu l-ġust.

—1 Ġwanni 2:1

Għax permezz tiegħu aħna t-tnejn għandna dħul bi Spirtu wieħed għand il-Missier. —Efesin 2:18

. . . Alla hu mħabba; u min jgħammar fl-imħabba jgħammar f'Alla, u Alla jgħammar fih.

—1 Ġwanni 4:16

U kunu qalbkom tajba ma' xulxin, ħennu għal xulxin, u aħfru 'l xulxin, bħal ma ħafrilkom Alla għal Kristu. —Efesin 4:32

B'dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jekk għandkom l-imħabba lejn xulxin.

—Ġwanni 13:35

Iżda l-frott ta' l-Ispirtu hu l-imħabba, il-ferħ, is-sliem . . . .

—Galatin 5:22

Int turini l-mogħdija tal-ħajja: quddiemek hemm il-milja tal-ferħ: fuq lemintek hemm għaxqa għal dejjem. —Salmi 16:11

Jien nifraħ bil-Mulej, nithenna b'Alla tas-salvazzjoni tiegħi.

—Ħabaqquq 3:18

Għalhekk, billi konna ġġustifikati bil-fidi, għandna s-sliem ma' Alla permezz ta' Sidna Ġesù Kristu.

—Rumani 5:1

Inħallilkom is-sliem, nagħtikom is-sliem tiegħi: mhux bħal ma tagħti d-dinja, nagħtikom jien: la tħallux qalbkom titħawwad, lanqas tħalluha titbeżża'. —Ġwanni 14:27

U s-sliem t'Alla, . . . iħarsilkom qalbkom u moħħkom fi Kristu Ġesù. —Filippin 4:7

Imma jekk l-Ispirtu ta' dak li qajjem 'il Ġesù mill-imwiet jgħammar fikom, dak li qajjem 'il Kristu mill-imwiet jagħti wkoll il-ħajja lil ġisimkom li jmut bl-Ispirtu tiegħu li jgħammar fikom. –Rumani 8:11

U Alla qajjem il-Mulej, u jqajjem lilna wkoll bis-setgħa tiegħu stess. –1 Korintin 6:14

U din hi r-rieda ta' dak li bagħatni, li kull min jara l-Iben, u jemmen fih, ikollu l-ħajja ta' dejjem: u jien inqajmu fl-aħħar jum. –Ġwanni 6:40

Qalilha Ġesù: Jiena hu l-qawmien, u l-ħajja: min jemmen fija, għad illi jkun mejjet, jgħix: u kull min jgħix u jemmen fija ma jmut qatt.... –Ġwanni 11:25, 26

Għax bħalma bil-bniedem ġiet il-mewt, bil-bniedem ukoll ġie l-qawmien mill-imwiet. Għax bħalma f'Adam kulħadd imut, hekk ukoll kulħadd jerġa' jieħu l-ħajja fi Kristu. Imma kull wieħed fejn imissu: Kristu l-ewwel frott; imbagħad dawk li huma ta' Kristu fil-miġja tiegħu. –1 Korintin 15:21-23

...Billi jiena ngħix, intom tgħixu wkoll. –Ġwanni 14:19

Issa jekk aħna mejtin ma' Kristu, nemmnu li għad ngħixu wkoll miegħu. –Rumani 6:8

Dak li żeblaħ il-liġi ta' Mosè miet bla ħniena fuq ix-xhieda ta' tnejn jew tlieta: kemm kastig aktar agħrax, jidhrilkom intom, ikun ħaqqu min jitfa' taħt saqajh l-Iben t'Alla, u jqis id-demm tar-rabta, li bih tqaddes, bħala ħaġa mhix qaddisa, u jagħmel għajb lill-Ispirtu tal-grazzja?

—Lhud 10:28, 29

Min iwarrabni, u ma jilqax kliemi, għandu wieħed li jagħmel ħaqq minnu: il-kliem li jiena għidt, dan jagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum. —Ġwanni 12:48

Għalhekk għidtilkom, li tmutu fi dnubietkom: għax jekk ma temmnux li jiena hu, tmutu fi dnubietkom. —Ġwanni 8:24

U lilkom ħbieb tiegħi ngħidilkom: La tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem, u wara dan m'għandhom xejn iżjed x'jistgħu jagħmlu. Iżda jien nurikom minn qabel minn min għandkom tibżgħu: Ibżgħu minn dak, li wara li jkun qatel għandu s-setgħa li jitfa' fl-infern; iva, ngħidilkom: Ibżgħu minnu. —Luqa 12:4, 5

Kif neħilsu, jekk nittraskuraw salvazzjoni kbira bħal din...?

—Lhud 2:3

U dak li ma jemminx bl-Iben ma jarax il-ħajja; iżda għadab Alla jgħammar fuqu. —Ġwanni 3:36

Għaliex waqqat jum, li fih għandu jagħmel ħaqq mid-dinja fissewwa b'dak il-bniedem li hu għażel; u li bih ta l-fidi lillbnedmin kollha, billi qajmu millimwiet. —Atti 17:31

Għax il-Missier ma jagħmel ħaqq minn ħadd, iżda ta kull ħaqq lil Ibnu: biex il-bnedmin kollha jweġġħu l-Iben, bħal ma jweġġħu l-Missier. Min ma jweġġaħx l-Iben, ma jweġġaħx il-Missier li bagħatu. —Ġwanni 5:22, 23

Għax aħna lkoll jeħtieg nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, biex kull wieħed jieħu l-ħlas tal-ħwejjeġ li kien għamel . . . , sew tajjeb, kemm ħażin. —2 Korintin 5:10

Fil-jum meta Alla jagħmel ħaqq mill-egħmil moħbi tal-bnedmin . . . permezz ta' Ġesù Kristu. —Rumani 2:16

. . . Meta jidher Sidna Ġesù missema ma' l-anġli setgħana tiegħu, f'nar iħeġġeġ, u jitħallas minn dawk li ma jagħrfux 'l Alla, u li ma jisimgħux mill-evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu. —2 Tessalonkin 1:7, 8

Iżda dawk l-egħdewwa tiegħi, li ma ridux li nsaltan fuqhom, ġibuhom hawn, u oqtluhom quddiemi. —Luqa 19:27

# MHUX KULL MIN JILAGĦBHA TA' DIXXIPLU JINSAB FIL-MERĦLA VERA TA' ĠESÙ

Jistqarru li jagħrfu 'l Alla; imma l-opri tagħhom jiċħduh....

—Titus 1:16

...Issa jekk wieħed m'għandux l-Ispirtu ta' Kristu, dan mhux wieħed minn tiegħu. —Rumani 8:9

...Bħall-poplu tiegħi, u jisimgħu kliemek, iżda ma jagħmluhx: għax b'fommhom juru ħafna mħabba, iżda qalbhom timxi wara l-qliegħ tagħhom. —Ezekjel 33:31

Dal-poplu jersaq lejja b'fommu, u b'xofftejh iweġġaħni; iżda qalbu bogħod minni. —Mattew 15:8

Mhux kull min igħidli: Mulej, Mulej, jidħol fis-saltna tas-smewwiet: imma dak li jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet. Ħafna jgħiduli f'dak il-jum: Mulej, Mulej, ma ħabbarniex f'ismek? u f'ismek keċċejna x-xjaten? u f'ismek għamilna ħafna egħġubijiet? U mbagħad nistqarrilhom: Jiena qatt ma kont nafkom; tbiegħdu minni, intom li tagħmlu l-ħażen.

—Mattew 7:21-23

Hekk ukoll intom minn barra tidhru nies sewwa lill-bnedmin, iżda minn ġewwa intom mimlija bl-ipokresija u l-ħażen.

—Mattew 23:28

U minn dan nafu li aħna nagħrfuh, jekk inħarsu l-kmandamenti tiegħu. —1 Ġwanni 2:3

U nqiegħed l-Ispirtu tiegħi ġewwa fikom, u nagħmel li timxu skond l-istatuti tiegħi, u tħarsu l-ordinanzi tiegħi, u tagħmluhom. —Eżekjel 36:27

U billi kien magħmul perfett, sar il-kawża tas-salvazzjoni ta' dejjem għal dawk kollha li jobduh. —Lhud 5:9

Billi ħlistu mid-dnub, sirtu l-qaddejja tal-ħaqq. —Rumani 6:18

Għax aħna xogħol tiegħu, maħluqin fi Kristu Ġesù għall-opri tajba, li Alla ħejja minn qabel biex nimxu fihom. —Efesin 2:10

U jekk Kristu hu fikom, il-ġisem hu mejjet minħabba d-dnub; iżda l-Ispirtu hu ħaj minħabba l-ħaqq. Għax jekk tgħixu skond il-ġisem, tmutu: imma jekk bl-Ispirtu tmewtu egħmil il-ġisem, tgħixu. —Rumani 8:10, 13

...Ħa jitbiegħed mill-ħażen kull min isemmi l-isem ta' Kristu. —2 Timotju 2:19

Wieġbu Pietru u l-appostli l-oħra, u qalu: Aħna għandna nisimgħu minn Alla aktar milli mill-bnedmin. —Atti 5:29

Jekk id-dinja tobgħodkom, tafu li lili bagħditni qabel bagħditkom. Li kontu tad-dinja, id-dinja kienet tħobb lil tagħha: iżda billi m'intomx tad-dinja, iżda għażiltkom mid-dinja, għalhekk tobgħodkom id-dinja. —Ġwanni 15:18, 19

...Iva, jasal il-waqt, li kull min joqtolkom jaħseb li qiegħed jaqdi 'l Alla. U dawn il-ħwejjeġ jagħmlulkom, għax ma jafux u la 'l Missier, u lanqas lili. —Ġwanni 16:2, 3

Ara, liema mħabba xerred fuqna l-Missier, biex nissejħu wlied Alla: għalhekk id-dinja ma tagħrafniex, għax ma tagħrafx lilu.

—1 Ġwanni 3:1

...B'ħafna taħbit jeħtiġilna nidħlu fis-saltna t' Alla.

—Atti 14:22

Iva, u dawk kollha li jridu jgħixu tajjeb fi Kristu Ġesù jbatu l-persekuzzjoni. —2 Timotju 3:12

...Fid-dinja jkollkom in-niket: iżda qawwu qalbkom; jien irbaħt id-dinja. —Ġwanni 16:33

Jien tajthom il-kelma tiegħek; u d-dinja bagħdithom, għax mhumiex tad-dinja, bħalma jien ukoll miniex tad-dinja. —Ġwanni 17:14

U tkunu mibgħudin minn kulħadd minħabba ismi. —Luqa 21:17

Itfgħu fuqu l-hemm tagħkom kollu; għax hu jieħu ħsiebkom.
—1 Pietru 5:7

La tibżax; għax miegħek jien: la tħarisx imwerwer madwarek; għax jien Alla tiegħek: insaħħek; iva, ngħinek; iva, inwieżnek b'leminti tal-ħaqq tiegħi. —Isaija 41:10

Meta missieri u ommi jitilquni, il-Mulej jilqagħni. —Salmi 27:10

Biex hekk ikollna l-ħila ngħidu: Il-Mulej l-għajnuna tiegħi, u ma nibżax x'jista' jagħmilli bniedem.
—Lhud 13:6

Jekk intom tkunu mgħajrin f'isem Kristu, imberkin intom, għax l-ispirtu tal-glorja u t'Alla qiegħed fuqkom....
—1 Pietru 4:14

Għax hu jqabbad l-anġli jieħdu ħsiebek, biex jħarsuk fit-triqat kollha tiegħek. —Salmi 91:11

Iva, għalkemm nimxi fil-wied ta' dell il-mewt, ma nibża' minn ebda ħsara: għax int miegħi; ifarrġuni l-ħatar u l-għasluġ tiegħek.
—Salmi 23:4

Kollox nista' nagħmel permezz ta' Kristu li jqawwini. Imma Alla tiegħi jagħtikom kulma teħtieġu, skond il-għana tal-glorja tiegħu fi Kristu Ġesù. —Filippin 4:13, 19

Ebda tiġrib ma ġie fuqkom ħlief dak li jiġi fuq kull bniedem: iżda Alla fidil, u ma jħallix li intom tiġġarrbu aktar milli tifilħu; u mat-tiġrib jiftħilkom ukoll triq biex teħilsu, biex tkunu tifilħu għalih.

—1 Korintin 10:13

Ħa nersqu mela bla biża' lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena, u nsibu grazzja ta' għajnuna fil-bżonnijiet tagħna.

—Lhud 4:16

Imma jekk nimxu fid-dawl, bħalma hu fid-dawl, aħna mxerkin bejnietna, u d-demm ta' Ġesù Kristu Ibnu jnaddafna minn kull dnub.

—1 Ġwanni 1:7

Aħrab ukoll ix-xewqat ħżiena tażżgħożija: imma fittex il-ħaqq, il-fidi, l-imħabba, u s-sliem, ma' dawk li jsejħu l-Mulej b'qalb safja.

—2 Timotju 2:22

Issottomettu ruħkom għal Alla. Iqfulu lix-xitan, u jaħrab minnkom.

—Ġakbu 4:7

F'qalbi ħbejt kelmtek, biex ma nidnibx kontra tiegħek.

—Salmi 119:11

Intom minn Alla, uliedi ż-żgħar, u rbaħtuhom: għax akbar hu dak li hemm fikom, minn dak li hemm fid-dinja.

—1 Ġwanni 4:4

Meta inti għidt: Fittxu wiċċi; qaltli qalbi: Wiċċek, Mulej, infittex jien. Afda fih f'kull żmien; o poplu, iftħu qalbkom quddiemu: Alla hu kenn għalina.

—Salmi 27:8; 62:8

Fejjaqni, o Mulej, u jien infieq; salvani, u jien inkun salvat: għax int it-tifħir tiegħi.

—Ġeremija 17:14

Itolbu bla ma tieqfu. Roddu l-ħajr f'kollox: għax din hi r-rieda t'Alla fi Kristu Ġesù għalikom.

—1 Tessalonkin 5:17, 18

Jekk xi ħadd minnkom jonqsu l-għerf, ħa jitolbu 'l Alla, li jagħti lill-bnedmin kollha bla tgemgim, u ma jċanfarx; u jkun mogħti lilu.

—Ġakbu 1:5

Jekk tibqgħu fija, u jibqa' kliemi fikom, titolbu kulma tridu, u jsirilkom.

—Ġwanni 15:7

Jien fittixt il-Mulej, u hu semagħni, u ħelisni mill-biża' kollu tiegħi.

—Salmi 34:4

Jekk inżomm xi ħażen f'qalbi, Sidi ma jismagħnix. O Mulej, minħabba ismek, aħfirli l-ħażen tiegħi; għax kbir il-ħażen tiegħi.

—Salmi 66:18; 25:11

. . . Iżda f'kull ħaġa, ħalli dak li jkun jeħtiġilkom, ikun imgħarraf 'l Alla bit-talb, u bit-talb, u b'radd il-ħajr.

—Filippin 4:6

Għax il-Mulej innifsu jinżel b'għajta mis-sema, mal-leħen ta' l-arkanġlu, u mat-tromba t'Alla: u l-mejtin fi Kristu jqumu l-ewwel: imbagħad aħna l-ħajjin, u li nkunu bqajna, ninħatfu flimkien magħhom fis-sħab, biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru: u hekk inkunu dejjem mal-Mulej.
—1 Tessalonkin 4:16, 17

Mela billi għandna dawn il-wegħdiet, maħbubin, ħa nitnaddfu minn kull faħx tal-ġisem u ta' l-ispirtu, billi nipperfezzjonaw it-taqdis tagħna fil-biża' t'Alla.
—2 Korintin 7:1

U issa, uliedi ż-żgħar, ibqgħu fih; biex, meta jidher, ikollna fiduċja, u ma nistħux quddiemu fil-miġja tiegħu. —1 Ġwanni 2:28

Stabru intom ukoll; wettqu qlubkom: għax il-miġja tal-Mulej qorbot. —Ġakbu 5:8

Kunu mela wkoll imħejjijin: għax f'siegħa li ma taħsbux fiha jiġi Bin il-bniedem. —Luqa 12:40

Maħbubin, issa aħna wlied Alla, u għadu ma deherx x'se nkunu: imma nafu li, meta jidher, aħna nkunu bħalu; għax narawh kif inhu. U kull bniedem li għandu dit-tama fih għandu jissaffa, bħalma hu safi Kristu. —1 Ġwanni 3:2, 3

# KUN MIMLI BL-ISPIRTU T'ALLA

Duru għat-twiddib tiegħi: ara, jien insawwab l-ispirtu tiegħi fuqkom, jien ngħarrafkom kliemi.
—Proverbji 1:23

...Indmu, u kull wieħed minnkom jitgħammed f'isem Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet, u taqilgħu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu.
—Atti 2:38

U la tiskrux bl-inbid, li fih hemm il-ħajja bla rażan; imma mtlew bl-Ispirtu; billi tgħidu wieħed lill-ieħor salmi, innijiet u għanjiet spiritwali, tgħannu u tgħidu s-salmi lill-Malej f'qalbkom; troddu l-ħajr dejjem u ta' kollox 'l Alla l-Missier f'isem Sidna Ġesù Kristu; billi tissottomettu ruħkom għal xulxin fil-biża' ta' Kristu.
—Efesin 5:18-21

Għax hu Alla li jaħdem fikom sew ir-rieda u kemm l-egħmil skond kif jogħġob lilu.
—Filippin 2:13

Ma tafux li intom it-tempju t'Alla, u li l-Ispirtu t'Alla jgħammar fikom? Għax intom mixtrijin bi prezz: għalhekk igglorifikaw 'l Alla f'ġisimkom, u fl-ispirtu tagħkom, li huma t'Alla.
—1 Korintin 3:16; 6:20

...U kollha mtlew bl-Ispirtu s-Santu, u tkellmu l-kelma t'Alla bil-qlubija.
—Atti 4:31

The Bible text used is from Il-Bibbja Mqaddsa, by permission of The Trinitarian Bible Society

Għal aktar letteratura Kristjana B'XEJN u/jew izjed informazzjoni ikteb lill-

**KNISJA EVANGELIKA TRINITA**
**KAXXA POSTALI 9**
**LUQA, MALTA**

**ISEM** ______________________________________

**INDIRIZZ** ______________________________________

Published in numerous languages by World Missionary Press, Inc. as God supplies funds in answer to prayer. If you would like more copies for prayerful distribution, specify which language(s) you need and how many booklets.

B'xejn – Mhux Għall-Biegħ

Read booklets online or by App
www.wmp-readonline.org

www.wmpress.org 12-19 1559 Maltese HKG